MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 900/2010

**Colin u Shakira konjugi Sant**
**(ID Nru 238072M u**
**141474M)**
**VS**
**Alan Giordmaina (ID111986M) liema kuljom**
**Jinkiteb ukoll bhala Giordimaina**

Il-Qorti :

Rat l-att tar-rikors ta’ Colin u Shakira konjugi Sant mressaq fid-9 ta’ Settembru 2010 , li jaqra hekk:

*“<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>*

*Illi l-esponenti huwa propjetarji tal-hanut ossia “petrol station” bl-isem “Nick’s Service Station” li tinsab gewwa Mosta Road, San Pawl il-Bahar, minn liem hanut jinbiegh primarjament il-“fuel” u oggetti varji relatati mal-istess negozju;*

*Illi l-konvenut huwa impjegat tal-esponenti fl-imsemmi hanut u ilu hekk impjegat ghal dawn l-ahhar tlett snin;*

*Illi l-imsemmi hanut huwa mmanigjat "on a day-to-day basis" minn zewg impjegati ohra tal-esponenti, li ilhom hekk impjegati tal-esponenti ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena, huma responsabbli unikament mit-transazzjonijiet kummercjali li kienu jsiru u mill-flus, u jirraportaw direttament lill-esponenti qua propjetarji tal-istess hanut;*

*Illi l-kontanti li kienu jingabru matul il-gurnata kienu, bhala mezz ta'sigurta, jitqieghdu minn hin ghal iehor gewwa safe li kien jinsab fl-istess hanut f'kamra fuq in-naha ta'gewwa, minn dawn l-istess zewg impjegati;*

*Illi fil-bidu ta'Awwissu 2010 l-esponenti kkonducew ezercizzju dettaljat tal-"incoming u outgoing" data, tal-accounts u tal-stock rigwardanti l-prodotti fil-hanut minn fejn irrizulta li hemm diskrepanza li tammonta ghal sitta u sebghin elf ewro (€76,000);*

*Illi dan kollu huwa spjegat aktar fid-dettal mir-rapport imhejji mill-awditur John F. Galea (hawn anness u mmarkat Dokument "A");*

*Illi rrizulta li minghajr il-kunsens u/jew konoxxenza tal-esponenti, ghal dawn l-ahhar xahrejn, f'numru ta'okkazzjonijet diversi, l-konvenut kien qieghed jiftah is-safe fuq imsemmi u minnu jirtira f'kontanti flus fl-ammont komplessiv ta' €76,000 liema somma giet illegalment appropjata mill-konvenut kif fuq inghad ghad-dannu tal-esponenti;*

*Illi sar ukoll rapport mal-Pulizija Ezekuttiva u eventwalment, sussegwentament ghall-istatment rilaxxata mill-istess konvenut (DOK "B"), il-konvenut gie mressaq mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fejn gie akkuzat bir-reat ta'serq u l-proceduri kriminali kontrih jinsabu pendenti;*

*Illi minhabba l-agir tal-konvenut l-esponenti batew telf konsiderevoli fl-ammont illegalment approprjat minnu*

*(€76,000) u f'ammont ulterjuri li ghad irid jigi likwidat bhala spejjez inkluzi d-drittijiet professjonali ta'min tqabbad biex jinvestiga u jiehu l-passi kollha necessarji biex l-interessi tal-esponeneti jigu kawtelati;*

*Illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas is-somma imsemmija baqa' inadempjenti;*

*Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment;*

*Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*<u>Talbiet</u>*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni li tista' tkun necessarja:-*

*1. Tiddikjara l-konvenut unikament u personalment responsabbli ghas-somma ta' €76,000 illegalment approprjata mill-konvenut u ghad-danni kollha l-ohra;*

*2. Konsegwentament tikkundanna lil-konvenut jirrifondi s-somma ta'€76,000 lill-esponeneti, minnu mehuda llegalment u abbuzivament mill-konvenut ihallas lill-esponenti dik is-somma in linea ta'danni li tigi hekk likwidata;*

*Bl-ispejjez kollha komprizi dawk bl-ispejjez tal-mandat ta'sekwestru kawtelatorju bin-numru 1371/10 u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

*B'riserva ta' kull dritt u azzjoni fl-ligi."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Alan Giordimaina tas-19 t'Ottubru 2010 li taqra hekk:

*"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li:*

*1. M'hemm l-ebda prova li kien l-esponent li approprja illegalment jew unikament l-ammonti pretizi. Wara kollox hekk kif ammess mill-atturi nfushom, huwa ma kienx l-uniku impjegat li kellu access ghall-imsemmija safe;*

*2. Il-proceduri kriminali kontra l-esponent ghadhom pendenti u ghaldaqstant ghada ma nstabet l-ebda htija fil-konfront tieghu; u*

*3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-anqas li kieku kien minnu li l-esponent qatt immizapproprja xi flus, m'hemm l-ebda prova konklussiva dwar l-ammont li qed jinghad li huwa qed jigi akkuzat li mmizapproprja stante li kif diga ammess mill-atturi, kien hemm impjegati ohra, kif ukoll l-atturi nfushom li kellhom access ghal tali flus;*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu aktar 'il quddiem.*

*Bl-ispejjez."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Dicembru 2010 li bih gie nominat Perit Legali, Dr. Ian Vella Galea;

Rat ir-rapport tal-Perit Dr. Ian Vella Galea, ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2012, u mahluf fis-27 ta' Gunju 2012;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi migbura jirrizulta illi l-atturi ezebew rapport tal-awditur John F. Galea, Dok. A a fol 5 et seq. tal-process, illi fih gie spjegat in-natura tan-negozju, l-irwol taz-zewg impjegati Carlo Leonardi u Patrick Camilleri, s-sistema tal-*accounting*, *stock taking,* u stharrig li sar. Jirrizulta mix-xhieda li l-impjegati Leonardi u Camilleri, kienu impjegati fdati u kienu ilhom jahdmu mal-atturi ghal-erbghatax –il sena. Is-sistema tal-*accounting* kienet wahda fejn il-flus kontanti jitpoggew go *safe* imqieghed f'kamra ta' gewwa tal-hanut, b'access ristrett ghaz-zewg imjegati imsemmija. Kull gimaghtejn l-attur u wiehed mill-impjegati kienu jezegwixxu ezercizzju ta' kontabilita' u dejjem qabblu. Di piu' perjodikament kien isir l-ezercizzju l-iehor ta' *stock taking* minn Leonardi u wiehed mill-atturi. L-ahhar *stock taking* kien fil-31 ta' Marzu 2010.

Giet ezebita l-istqarrija tal-intimat Alan Giordmaina mehuda mill-Ispettur Daniel Zammit fil-15 t'Awwissu 2010 li fiha Giordmaina **ammetta illi gieli kien ha flus mis-*safe*, izda kien ghamlu biss fl-ahhar xahrejn tal-impjieg tieghu. Ammetta** li kien jiehu il-flus mis-*safe*, **b'regolarita' ta' xi tlett darbiet fil-gimgha**. Giordmaina xehed li ma kienx jaf l-ammont totali li kien ha, izda zgur ma kienx jammonta ghall-sitta u sebghin elf Ewro (€76,000).

Ir-rikorrenti Colin Sant, proprjetaju ta' Nick's Petrol Station, San Pawl il-Bahar fl-affivadit tieghu Dok. CS a fol 23 et seq., ta d-dettalji ta' kif kien jopera in-negozju tieghu ta' *petrol station*, permezz tal-impjegati tieghu, Patrick Camilleri u Carlo Leonardi, u ikkonferma s-sistema ta' kontabilita', s-sistemi ta' *stock taking* li kienu jithaddmu minnu flimkien mal-impjegati tieghu. Sant xhed li fl-ahhar ta' Lulju 2010, gie infurmat mill-impjegat tieghu Carlo Leonardi li kien sab is-*safe* miftuh bic-cavetta go fih u raw lill-Alan Giordmaina fejn is-*safe*. Dan gie konfermat ukoll minn Patrick Camilleri. Colin Sant ikkonfronta lill Alan Giordmania b'dana kollu, u Giordmaina ta in-*notice* lir-rikorrenti. Insegwitu ta' ezecizzju mill-*accountant* Galea, gie stabbilit illi sitta u sebghin elf Ewro (€76,000) kienu naqsu.

Ix-xhud Carlo Leonardi u Patrick Camilleri ikkonfermaw, ix-xhieda tar-rikorrenti u taw spjegazzjoni dettaljata ta’ fejn kien jinzamm is-*safe*; fejn kienet tigi mohbija ic-cavetta tas-*safe*; li l-access ghall-kamra tas-*safe* kien vjetat ghall-Alan Giordmaina; u kif sabu is-*safe* miftuh bic-cavetta fih.

*Accountant* John Galea a fol 35 et seq., ta xhieda dettaljata tal-ezercizzju ta’ *accounting* li wettaq in segwitu tas-sejba tas-*safe* miftuh u kif wasal ghad-diskrepanza tas-somma ta’ sitta u sebghin elf Ewro (€76,000).

Spettur Daniel Zammit ikkonferma l-istqarrija ta’ Alan Giordmaina u l-passi kriminali li gew inizjati fil-konfront tal-intimat Giordmaina.

**Ikkonsidrat:**

Illi l-intimat issoleva l-ewwel eccezzjoni tieghu, cioe’ nuqqas ta’ prova li kien l-intimat li approprja ruhu mill-ammonti pretizi sikkome li ma kienx l-uniku impjegat li kellu l-access ghall-imsemmi *safe*. Jirrizulta b’mod anki lampanti illi qatt ma kien hemm diskrepanzi fi flus fl-erbaghatax –il sena illi Carlo Leonardi u Patrick Camilleri kienu qeghdin imexxu in-negozju ta’ Nick’s Petrol Station, u kien biss meta sabu is-*safe* miftuh bic-cavetta go fih, u Alan Giordmania vicin is-*safe* illi skattaw is-suspetti , u bl-iskoperta tad-diskrepanzi ta’flus. Illi di piu’ Alan Giordmaina **ammetta** waqt l-istqarrija tieghu li kien ghamel xahrejn jiehu l-flus mis-*safe* b’regolarita’ ta’ tlett darbiet fil-gimgha. Ghalhekk qed tigi rispinta l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni tal-imputat tirrigwarda l-fatt li l-proceduri kriminali kontra tieghu ghadhom pendenti, u li ma saret ebda kundanna ta’ htija fil-konfront tieghu. Il-Qorti taccena ghall-Artikolu 6 tal-Kap. 9 Tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi : *“l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew independendement wahda mill-ohra”*, ghaldaqstant il-Qorti Civili m’hijiex marbuta li tistenna ghad-decizjoni mill-Qorti tal-Magistrati, qabel ma tippronuncja ruhha f’dawn il-proceduri. Di piu’ l-oneru tal-prova fil-kamp civili huwa divers minn dak rikjest fil-kamp kriminali.

Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tielet eccezzjoni tal-intimat, u cioe' dik ta' nuqqas ta' prova konklussiva dwar l-ammont mizapproprijat, stante l-prezenza ta' impjegati ohra inkluzi l-atturi.

Il-Qorti qieset illi l-intimat innifsu ma kienx jaf jghid precizament xi flus ha, u indika biss li kien jiehu ammonti b'regolarita' ta' tlett darbiet fil-gimgha zgur ghal-perjodu ta' xahrejn qabel ma rrilaxxa l-impjieg tieghu minn ma Nick's Petrol Station. Ghall-kuntrarju ta' dan, ir-rikorrenti ezegwew ezami dettaljat tramite l-accountant John F. Galea, f'liema rapport Galea wasal ghal-konkluzjoni li l-ammont nieqes mill-azjenda kienet ta' sitta u sebghin elf, mija sebgha u sittin Ewro u wiehed u hamsin centenzmi (€76,167.51). L-*accountant* Galea ezebixxa *reconciliation sheet* biex juri kif kien wasal ghall-ammont indikat. <u>Illi dan l-ammont fl-ebda hin ma gie kontradett mill-intimat</u> b'xi tip ta' prova. Dana kollu irid jitqies fl-isfond ta' impjegati fdati fuq medda ta' erbghatax – il sena b'rekord impekkabbli ta' qbil fl-*accounts* tal-azjenda.

Ghal dawn ir-ragunijiet waqt illi l-Qorti takkolji l-konkluzzjonijiet raggunti fir-rapport tal-perit legali Dr. Ian Vella Galea minnu prezentat u mahluf, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet fuq indikati, takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament ghas-somma ta' sitta u sebghin elf Ewro (€76,000) approprjati mill-konvenut, izda mhux ghad-danni ulterjuri stante nuqqas ta' prova fuq daqshekk; tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------